MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 320/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mill-rikorrent li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu nhar il-hamsa (5) t'April tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) (Dok. A) u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal;

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dr. Anne Marie Cuschieri u datat disa (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) (Dok. B);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn erba' snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni, ebda manteniment ma huwa dovut lil xulxin stante illi r-ragel ddikjara li ma kellux mezzi finanzjarji sabiex jmantni lil martu u lil uliedu filwaqt illi l-mara ssodisfatt l-obbligu taghha tal-manteniment lejn zewgha permezz ta' hlas ta' darba a saldu ta' kull pretensjoni ta' manteniment u liema hlas gie esegwiet per via tat-trasferiment mill-mara a favur tar-ragel l-proprjeta mmobbli deskritta fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni.

Illi ulied il-kontendenti u cioe` G u J llum huma maggorenni w ebda manteniment ma huwa dovut lilhom, filwaqt illi Alexandra li llum ghandha sbatax-il sena qieghda bhala stat ta' fatt tghix ma' l-esponent u ghaldaqstant qieghed jaghmel tajjeb ghall-htigijiet kollha taghha hu, b'dan illi l-obbligazzjonijiet tal-manteniment qed ikunu sodisfatti u ma hemm ebda pendenti ohra f'dan ir-rigward.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Lulju, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimata;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’ Dicembru, 2008 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------